SKEDA INFORMATTIVA TEMATIKA

TAS-SEMESTRU EWROPEW

# IT-TRAŻŻIN TAL-IPPJANAR AGGRESSIV TAT-TAXXA

## 1. INTRODUZZJONI

**L-ippjanar aggressiv tat-taxxa (ATP) jikkonsisti fit-tnaqqis mill-kontribwenti fl-obbligazzjoni tat-taxxa tagħhom permezz ta' arranġamenti li jistgħu jkunu legali iżda li jikkontradixxu l-intenzjoni tal-liġi.** L-ATP jinkludi l-esplojtazzjoni ta' lakuni f'sistema fiskali u spariġġi bejn is-sistemi fiskali. Huwa jista' jwassal ukoll għal nontassazzjoni doppja jew tnaqqis doppju.

Il-ġlieda kontra l-ATP hija essenzjali sabiex tiggarantixxi dħul mit-taxxa għall-investiment pubbliku, l-edukazzjoni, il-kura tas-saħħa u l-assistenza soċjali, bil-għan li tiġi żgurata kondiviżjoni ġusta tal-piżijiet u jiġi ppreservat il-moral tat-taxxa tal-kontribwenti u finalment tiġi evitata d-distorsjoni tal-kompetizzjoni bejn id-ditti.

L-UE ħadet diversi passi sabiex tiġġieled kontra l-ATP, inkluża l-adozzjoni tad-Direttiva Kontra l-Evitar tat-Taxxa (ATAD) u l-ATAD 2 li tipprevedi miżuri għall-indirizzar ta' diskrepanzi ibridi[1] fir-rigward ta' pajjiżi terzi.

Sabiex jagħti spinta lit-trasparenza fiskali, il-Kunsill adotta l-proposta tal-Kummissjoni għal skambju awtomatiku ta' informazzjoni dwar id-deċiżjonijiet tat-taxxa li ser jibda fit-tieni nofs tal-2017. Il-Kunsill adotta wkoll il-proposta tal-Kummissjoni għall-iskambju awtomatiku ta' informazzjoni rigward ir-rapporti għal kull pajjiż dwar intrapriżi multinazzjonali (MNEs). Dan l-iskambju awtomatiku ser jibda fl-2018. F'Ġunju 2017, il-Kummissjoni adottat proposta għal regoli dwar id-divulgazzjoni obbligatorja ta' skemi ta' ppjanar aggressiv tat-taxxa minn intermedjarji. Reċentament, permezz tal-Kodiċi ta' Kondotta[2], tneħħew jew ġew emendati[3] sensiela ta' reġimi ta' sistema ta' inċentivi tat-taxxa favur il-privattivi. F'Diċembru 2017 jenħtieġ li tiġi ffinalizzata lista ta' ġurisdizzjonijiet tat-taxxa mhux kooperattivi barra mill-UE. Fl-aħħar nett, il-Bażi Komuni Konsolidata għat-Taxxa Korporattiva[4], imnedija mill-ġdid fl-2016 mill-Kummissjoni, toffri soluzzjoni komprensiva għall-kwistjoni tat-trasferiment tal-profitt, iżda din għadha qed tiġi nnegozjata.

---

[1] L-arranġamenti ta' diskrepanzi ibridi jisfruttaw id-differenzi fit-trattament fiskali ta' entità jew strument skont il-liġijiet ta' żewġ ġurisdizzjonijiet jew aktar sabiex tinkiseb nontassazzjoni doppja.

[2] Il-Kodiċi ta' Kondotta għat-tassazzjoni tan-negozju tfassal fl-1997 sabiex jiskopri miżuri dannużi ta' tassazzjoni li jaffettwaw indebitament il-post fejn issir l-attività kummerċjali fl-Unjoni. Il-Kodiċi mhuwiex strument legalment vinkolanti iżda huwa evidenti li dan għandu forza politika. Bl-adozzjoni ta' dan il-Kodiċi, l-Istati Membri impenjaw ruħhom li joqogħdu lura milli jintroduċu miżuri dannużi ta' tassazzjoni ġodda u jemendaw kwalunkwe liġijiet jew prattiki li jitqiesu li huma dannużi fir-rigward tal-prinċipji tal-Kodiċi.

[3] Sistema ta' inċentivi tat-taxxa favur il-privattivi hija reġim fiskali speċjali għad-dħul minn proprjetà intellettwali.

[4] Il-Bażi Komuni Konsolidata għat-Taxxa Korporattiva (BKKTK) hija sett uniku ta' regoli sabiex jiġu kkalkolati l-profitti taxxabbli tal-kumpaniji fl-UE.

Minkejja dawn il-kisbiet, il-gvernijiet għadhom qegħdin jitilfu ammonti sostanzjali ta' dħul minħabba ATP transfruntier. Barra minn hekk, in-natura transfruntier tal-evitar tat-taxxa u l-integrazzjoni tal-ekonomiji tal-Istati Membri jitolbu għal approċċ ikkoordinat fl-applikazzjoni tar-regoli eżistenti.

## 2. L-ISFIDI TAL-POLITIKA TAT-TASSAZZJONI LI QEGĦDIN JIFFAĊĊJAW L-ISTATI MEMBRI

### 2.1. Il-konsegwenzi ekonomiċi tal-ATP

#### *2.1.1. It-telf ta' dħul mit-taxxa*

**L-evitar tat-taxxa jiswa biljuni ta' ewro kull sena. Fl-UE, ġie stmat li t-telf mid-dħul minn trasferiment tal-profitt fl-UE jammonta għal madwar EUR 50-70 biljun[5].** Dan huwa ekwivalenti għal 17 % tad-dħul mit-taxxa korporattiva (CIT) (fl-2013) u 0.4 % tal-PDG (fil-livell inferjuri). Il-gvernijiet tal-pajjiżi li l-bażi għat-taxxa tagħhom tonqos huma mġiegħla jgħollu d-dħul minn taxxi oħrajn sabiex jevitaw li jkollhom inqas dħul għal riformi li jtejbu t-tkabbir u għal ridistribuzzjoni.

**Il-prattiki tal-ATP f'territorju wieħed għandhom effetti konsegwenzjali f'territorji oħrajn.** Il-profitti ttrasferiti lejn Stat Membru jew minnu jissarrfu f'telf fil-bażi tat-taxxa ta' Stat Membru ieħor. Għall-Unjoni kollha kemm hi, hemm telf ċar tad-dħul mit-taxxa, anki jekk, individwalment, xi Stati Membri jistgħu jaraw id-dħul mit-taxxa tagħhom jiżdied grazzi għal bażi għat-taxxa minfuħa permezz ta' trasferiment tal-profitt.

#### *2.1.2. In-nuqqas ta' kundizzjonijiet ekwi*

**L-ATP ifixkel ukoll il-kundizzjonijiet ekwi bejn il-kumpaniji li jirnexxielhom jevitaw li jħallsu s-sehem ġust tagħhom ta' taxxi u kumpaniji oħrajn** li ma għandhomx aċċess għall-istess possibbiltajiet ta' ppjanar tat-taxxa transfruntiera **(fil-biċċa l-kbira ditti domestiċi u/jew ditti iżgħar)**. L-istudji jindikaw li l-intrapriżi multinazzjonali f'pajjiżi b'taxxa għolja jħallsu madwar 30 % inqas taxxa minn ditti domestiċi komparabbli[6].

Studju riċenti juri li l-kumpaniji li jinvolvu ruħhom f'ippjanar aggressiv tat-taxxa jibbenefikaw minn tnaqqis potenzjalment sinifikanti fit-tassazzjoni effettiva għad-detriment tas-soċjetà[7]. L-intrapriżi multinazzjonali li jinvolvu ruħhom f'ippjanar tat-taxxa jibbenefikaw minn vantaġġ kompetittiv tal-ispejjeż li jista' jippermettilhom jiksbu ishma tas-suq u jgħollu l-ostakoli għad-dħul għad-detriment ta' ditti oħrajn. Hemm evidenza ta' rabta bejn l-ippjanar tat-taxxa u valutazzjonijiet pożittivi ogħla u żieda fil-konċentrazzjoni tal-industrija[8]. Dan jista' jwassal għal prezzijiet għoljin b'mod ineffiċjenti għall-konsumaturi.

#### *2.1.3. In-nuqqas ta' ġustizzja u l-impatt fuq il-moral tal-kontribwenti*

**L-ATP minn multinazzjonali kbar iħalli wkoll impatt negattiv fuq il-moral ġenerali tal-kontribwenti.** Dawk li jirrispettaw l-obbligi tagħhom u jħallsu t-taxxi tagħhom jipperċepixxu l-ATP bħala ksur tal-kuntratt soċjali. L-għarfien ta' prattiki inġusti jista' jħeġġeġ lil kontribwenti oħrajn sabiex ma jibqgħux jikkonformaw mal-obbligi fiskali tagħhom stess. L-iskandli li seħħew riċentament wasslu għal skuntentizza pubblika fuq il-kwistjoni tal-evitar tat-taxxa. Barra minn hekk, it-telf tad-dħul dovut għall-ATP jista' jkollu impatt fuq in-nefqa soċjali, bħall-aċċess għal servizzi ta' edukazzjoni, kura tas-saħħa jew assistenza soċjali ta' kwalità, kif ukoll fuq ir-ridistribuzzjoni. Min-naħa tiegħu, dan jiggrava l-inugwaljanzi u jista' jżid aktar skuntentizza soċjali.

### 2.2. Mezzi tal-ATP ewlenin

**L-ATP iseħħ permezz ta' tliet mezzi ewlenin:** (i) **trasferiment tad-dejn**, fejn id-dejn intern jintuża għat-trasferiment

---

[5] Ara Dover R., B. Ferrett B., D. Gravino, E. Jones u S. Merler (2015).

[6] Ara Egger, P., W. Eggert u H. Winner (2010).

[7] Ara ċ-Ċentru għar-Riċerka Ekonomika Ewropea, ZEW (2016).

[8] Ara l-OECD (2015), p. 181.

artifiċjali tal-profitt minn ġurisdizzjoni tat-taxxa għolja għal waħda tat-taxxa baxxa; (ii) **lokazzjoni strateġika tad-drittijiet ta' proprjetà intellettwali u l-assi intanġibbli**, fejn assi intanġibbli mobbli ħafna jiġu rilokati b'mod artifiċjali f'ġurisdizzjonijiet tat-taxxa baxxa, u (iii) **użu (ħażin) ta' pprezzar tat-trasferimenti**, fejn il-bażijiet għat-taxxa ta' ġurisdizzjonijiet tat-taxxa baxxa jintefħu b'mod artifiċjali għas-spejjeż tal-bażi għat-taxxa ta' ġurisdizzjoni tat-taxxa għolja[9]. Minbarra dawn l-istrutturi ewlenin, l-intrapriżi multinazzjonali jistgħu jieħdu vantaġġ mid-dispożizzjonijiet tat-trattat bilaterali dwar it-taxxa sabiex jimminimizzaw it-taxxi u l-ispiża ta' ripatrijazzjoni tad-dividendi (għażla opportunistika tat-trattat).

## 2.3. Indikaturi tal-ATP ewlenin

### *2.3.1. Indikaturi legali tal-ATP*

**L-indikaturi tal-ATP jistgħu jiġu derivati minn ċerti regoli fiskali** jew mill-assenza tagħhom:

#### *In-nuqqas ta' regoli kontra l-abbuż*

Dan is-sett ta' indikaturi jirreferi għan-nuqqas ta' regoli mmirati biex jiġġieldu l-evitar tat-taxxa. **Xi eżempji ta' regoli kontra l-abbuż huma: ir-regoli dwar il-limitazzjoni tal-imgħax u s-sottokapitalizzazzjoni u r-regoli dwar il-korporazzjonijiet ikkontrollati minn barra l-pajjiż.** Ir-regoli dwar il-limitazzjoni tal-imgħax u tas-sottokapitalizzazzjoni għandhom l-għan li jiskoraġġixxu arranġamenti ta' dejn artifiċjali mfassla biex jimminimizzaw it-taxxi, filwaqt li r-regoli tal-korporazzjonijiet ikkontrollati minn barra l-pajjiż (CFC) għandhom l-għan li jiskoraġġixxu t-trasferiment tal-profitt lejn pajjiż b'taxxa baxxa jew mingħajr taxxa. Ta' min jinnota li d-Direttiva Kontra l-Evitar tat-Taxxa, adottata mill-Kunsill f'Lulju 2016 li daħlet fis-seħħ fl-2019, għalkemm b'xi eċċezzjonijiet, tipprevedi regoli dwar il-limitazzjoni tal-imgħax u regoli għas-CFC għall-pajjiżi kollha tal-UE.

#### *Indikaturi passivi*

Dan is-sett ta' indikaturi jirreferi għar-regoli fiskali li minnhom infushom ma jippromwovu u jikkawżaw ebda struttura tal-ATP, iżda li huma meħtieġa sabiex taħdem struttura tal-ATP. **Eżempju rilevanti wieħed huwa t-taxxi minn ras il-għajn.** In-nuqqas ta' taxxi minn ras il-għajn ġeneralment jimmira li jipprevjeni t-tassazzjoni doppja. Madankollu, dan jista' wkoll jagħmel l-ippjanar aggressiv tat-taxxa aktar faċli f'ċerti ċirkostanzi. L-eżistenza ta' taxxi minn ras il-għajn tipprevjeni t-trasferiment ta' profitti mingħajr taxxa lejn ġurisdizzjonijiet ta' pajjiżi terzi u, għalhekk, tiskoraġġixxi jew timpedixxi l-ippjanar aggressiv tat-taxxa, anki jekk tista' twassal għal tassazzjoni doppja jew rekwiżiti ta' piż sabiex tiġi evitata.

#### *Indikaturi attivi*

**Xi reġimi tat-taxxa jistgħu minnhom infushom jinkoraġġixxu jew jiffaċilitaw l-istrutturi tal-ippjanar aggressiv tat-taxxa**. Ir-regoli fiskali għandhom jiġu vvalutati fuq bażi ta' każ b'każ sabiex issir konklużjoni dwar ir-rabta tagħhom mal-prattiki tal-ATP. Valutazzjoni bħal din tirrikjedi analiżi dettaljata tad-disinn u l-applikazzjoni attwali ta' regola fiskali, billi jitqies safejn huma ssalvagwardjati r-regoli fiskali, eż. permezz ta' dispożizzjonijiet kontra l-abbuż.

### *2.3.2. Indikaturi ekonomiċi tal-ATP*

**Hemm għadd ta' indikaturi ekonomiċi li jistgħu jintużaw sabiex isibu evidenza ta' prattiki tal-ATP. Pereżempju, il-pajjiżi li jintużaw fl-istrutturi tal-ATP ġeneralment ikollhom flussi finanzjarji għoljin (b'mod anormali)**. Għalhekk, huwa rilevanti li jiġi vverifikat jekk hemmx skonnessjoni possibbli bejn l-attivitajiet finanzjarji u ekonomiċi reali. Indikaturi

[9] Għal fehim aħjar tal-mod kif l-MNEs jistrutturaw l-iskemi ta' evitar tat-taxxa tagħhom, ara Ramboll Management Consulting and Corit Advisory (2015).

bħall-investimenti diretti barranin[10] (IDB) totali, l-IDB miżmuma minn entitajiet bi skop speċjali u l-flussi speċifiċi ta' introjtu finanzjarju, bħal flussi ta' dividendi, imgħaxijiet u/jew royalties, espressi bħala sehem tal-PDG, huma rilevanti.

**L-IDB jirriflettu l-investimenti magħmula b'mod transfruntier bejn il-kumpaniji relatati**. Filwaqt li, bħala tali, l-IDB mhumiex indikaturi tal-evitar tat-taxxa, parti minn dawn l-investimenti tista' tkun xprunata minn prattiki ta' evitar tat-taxxa. Il-flussi ta' royalties jirriflettu l-lokalizzazzjoni tal-proprjetà intellettwali u l-assi intanġibbli. Indikaturi rilevanti oħrajn jinkludu dħul mit-taxxa korporattiva bħala sehem tal-PDG, anomaliji bilaterali tal-prezz tal-importazzjoni[11] u indikaturi tal-għażla opportunistika tat-trattat.

**Id-dħul mit-taxxa korporattiva bħala sehem tal-PDG** juri li xi pajjiżi jistgħu jgħollu d-dħul partikolarment għoli mit-taxxa korporattiva.

**L-anomaliji bilaterali tal-prezz tal-importazzjoni jagħmluha possibbli li jiġi identifikat jekk oġġett għandux prezz għoli wisq jew baxx wisq.** Xi pajjiżi għandhom it-tendenza li jimportaw l-istess oġġetti intermedjarji bi prezzijiet differenti, xi wħud bi prezz orħos, speċjalment jekk ikunu ditti f'pajjiżi b'taxxa baxxa, u oħrajn bi prezz aktar għali, speċjalment jekk ikunu ditti f'pajjiżi b'taxxa għolja. Din tista' tkun indikazzjoni ta' pprezzar qarrieqi tat-trasferimenti u tista' tkun sinjal tal-erożjoni tal-bażi għat-taxxa f'xi pajjiżi b'taxxa għolja.

**L-indikaturi tal-għażla opportunistika tat-trattat jirriflettu l-fatt li l-użu ta' kombinazzjoni ta' trattati jista' jimminimizza l-ispiża tar-ripatrijazzjoni tad-dividendi.** Minflok ma jinvestu direttament f'pajjiż ospitanti, il-kumpaniji multinazzjonali jbiddlu l-investiment permezz ta' pajjiż terz sabiex jieħdu vantaġġ mid-dispożizzjonijiet tat-trattat li ma jinstabux bejn il-pajjiż ospitanti u l-pajjiż ta' oriġini tal-investiment.

Filwaqt li, minnu nnifsu, l-ebda wieħed mill-indikaturi ma jipprovdi kawżalità inkontestabbli lejn l-ippjanar aggressiv tat-taxxa, huma jistgħu jintużaw bħala parti minn "korp ta' evidenza" li jiżvela l-eżistenza ta' struttura tal-ATP.

## 3. GĦODOD TA' POLITIKA LI JINDIRIZZAW L-ISFIDI TAL-POLITIKA TAT-TASSAZZJONI

**L-Istati Membri jistgħu jindirizzaw l-abbuż tat-taxxa billi jsaħħu l-qafas legali u jirriformaw ir-reġimi nazzjonali li jistgħu jwasslu għall-ATP, iżda wkoll billi jżidu l-kooperazzjoni u t-trasparenza.** Il-bini ta' kultura ta' konformità mar-regoli fiskali huwa importanti wkoll. Din it-taqsima ser tikkonċentra fuq l-ewwel aspett, jiġifieri t-tisħiħ tal-qafas legali u r-riforma tar-reġimi nazzjonali: billi timplimenta regoli b'saħħithom kontra l-evitar tat-taxxa, billi tbiddel ir-regoli li jistgħu jinkoraġġixxu l-ATP indirettament u billi tindirizza r-reġimi nazzjonali li jagħmlu l-ATP aktar faċli.

### 3.1. L-implimentazzjoni ta' regoli b'saħħithom għall-prevenzjoni tal-evitar tat-taxxa

**Kif ġie spjegat hawn fuq, ir-regoli kontra l-abbuż għandhom l-għan espliċitu li jipprevjenu l-istrutturi tal-ATP. Hija meħtieġa implimentazzjoni rapida tar-regoli kontra l-abbuż**. Filwaqt li l-ATAD ser tintroduċi ħames regoli kontra l-abbuż fl-2019[12], in-nuqqas

[10] Investiment dirett barrani huwa l-kategorija ta' investiment internazzjonali li fih entità residenti f'pajjiż wieħed (l-investitur dirett) takkwista interess dejjiemi f'kumpanija residenti f'pajjiż ieħor (il-kumpanija ta' investiment dirett) inkluż permezz ta' entità bi skop speċjali, entità legali maħluqa sabiex tissodisfa objettivi stretti, speċifiċi jew temporanji. Intrapriża ta' investiment dirett hija waħda li fiha investitur dirett għandu 10 % jew aktar tal-ishma ordinarji jew drittijiet tal-vot (jew l-ekwivalenti għal intrapriża mhux inkorporata).

[11] Dan jirreferi għall-anomaliji fil-prezz medju tal-prodotti soġġetti għal flussi kummerċjali bilaterali (bejn żewġ pajjiżi).

[12] Xi dispożizzjonijiet se jiġu applikati f'data differenti.

attwali ta' dawk ir-regoli f'ċerti Stati Membri ma jipproteġix lill-UE kontra l-prattiki tal-ATP illum.

### 3.2. It-tibdil tar-regoli li jistgħu jintużaw ħażin u jwasslu għal ATP

**It-taxxi minn ras il-għajn lejn pajjiżi terzi, implimentati kif suppost, jistgħu jkunu għodda effettiva fil-ġlieda kontra l-ATP**. It-taxxi minn ras il-għajn huma implimentati minn kull Stat Membru u għal kull tip ta' fluss finanzjarju (imgħaxijiet, dividendi u royalties).

### 3.3. L-indirizzar tar-reġimi nazzjonali li jagħmlu l-ATP aktar faċli

**Is-Semestru Ewropew jippermetti l-indirizzar ta' prattiki fiskali nazzjonali** li jinkoraġġixxu l-ATP transfruntier jew jagħmluh aktar faċli, iżda li huma diffiċli biex jiġu indirizzati permezz tal-għodod eżistenti (bħal direttivi jew kodiċijiet ta' kondotta).

## 4. KONTROEŻAMI BIR-REQQA TAS-SITWAZZJONI ATTWALI

### 4.1. L-implimentazzjoni ta' regoli b'saħħithom għall-prevenzjoni tal-evitar tat-taxxa

It-tabella ta' hawn taħt tagħti ħarsa ġenerali lejn in-**nuqqas** ta' żewġ tipi ta' **regoli kontra l-abbuż** fl-Istati Membri: il-limitazzjoni tal-imgħax u r-regoli ta' sottokapitalizzazzjoni. L-ATAD tintroduċi regoli kontra l-abbuż, inklużi regoli tas-CFC u regoli tal-limitazzjoni tal-imgħax. Madankollu, fil-każ ta' regoli tal-limitazzjoni tal-imgħax, l-Istati Membri, b'regoli nazzjonali ugwalment effettivi, jistgħu jdewmu l-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet dwar ir-regoli tal-limitazzjoni tal-imgħax fl-ATAD sal-2024.

**Tabella 1: Ħarsa ġenerali lejn xi regoli kontra l-evitar tat-taxxa li huma neqsin fil-liġijiet nazzjonali tal-Istati Membri, 2017**

| | BE | BG | CY | EE | HR | LU | MT | NL | RO | SI | AT | CZ | IE | LV | LT | PL | SK | DE | EL | FI | HU | PT | FR | IT | SE | UK | DK | ES |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Limitazzjoni tal-imgħax jew regoli dwar sottokapitalizzazzjoni | ✓ | ✓ | ✗ | ✗ | ✓ | ✓ | ✗ | ✓ | ✓ | ✓ | ✓ | ✓ | ✗ | ✓ | ✓ | ✓ | ✓ | ✓ | ✓ | ✓ | ✓ | ✓ | ✓ | ✓ | ✓ | ✓ | ✓ | ✓ |
| Regoli dwar il-kumpaniji kkontrollati minn barra l-pajjiż | ✗ | ✗ | ✗ | ✗ | ✗ | ✗ | ✗ | ✓ | ✗ | ✗ | ✗ | ✗ | ✗ | ✗ | ✓ | ✓ | ✗ | ✓ | ✓ | ✓ | ✓ | ✓ | ✓ | ✓ | ✓ | ✓ | ✓ | ✓ |

*Sors: Ramboll Management Consulting and Corit Advisory (2015).*

## 4.2. It-tibdil tar-regoli li jistgħu jintużaw ħażin u jwasslu għal ATP

**Xi Stati Membri ma għandhomx taxxi minn ras il-għajn lejn pajjiżi terzi li jistgħu jipproteġu s-sistema fiskali tagħhom minn prattiki tal-ATP** li jużaw flussi ta' imgħaxijiet, dividendi u/jew royalties. Madankollu, xi Stati Membri għamlu dan diġà.

**Tabella 2: Taxxi minn ras il-għajn fl-Istati Membri tal-UE lejn ġurisdizzjonijiet ta' pajjiżi terzi, 2017**

| | HU | MT | CY | EE | LU | NL | IE | UK | AT | DE | FI | SE | BE | BG | CZ | DK | EL | ES | FR | HR | IT | LT | LV | PL | PT | RO | SI | SK |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Royalties | ✗ | ✗ | ✓ | ✓ | ✗ | ✗ | ✓ | ✓ | ✓ | ✓ | ✓ | ✓ | ✓ | ✓ | ✓ | ✓ | ✓ | ✓ | ✓ | ✓ | ✓ | ✓ | ✓ | ✓ | ✓ | ✓ | ✓ | ✓ |
| Mgħaxijiet | ✗ | ✗ | ✗ | ✗ | ✗ | ✗ | ✓ | ✓ | ✗ | ✗ | ✗ | ✗ | ✓ | ✓ | ✓ | ✓ | ✓ | ✓ | ✓ | ✓ | ✓ | ✓ | ✓ | ✓ | ✓ | ✓ | ✓ | ✓ |
| Dividendi | ✗ | ✗ | ✗ | ✗ | ✓ | ✓ | ✗ | ✗ | ✓ | ✓ | ✓ | ✓ | ✓ | ✓ | ✓ | ✓ | ✓ | ✓ | ✓ | ✓ | ✓ | ✓ | ✓ | ✓ | ✓ | ✓ | ✓ | ✓ |

*Sors: ZEW (2016), b'aġġornamenti bbażati fuq ir-riformi nazzjonali.*

*Noti:*

*(1) It-tabella ta' hawn fuq tiffoka fuq ir-rati domestiċi tat-taxxa minn ras il-għajn (WHT), jiġifieri r-rati li huma speċifikati fil-liġi nazzjonali dwar it-taxxa korporattiva. Għalhekk, hija ma tirriflettix ir-rati tad-WHT speċifikati fit-trattati dwar it-taxxa doppja.*

*(2) Salib ifisser li l-Istat Membru ma japplika ebda taxxa minn ras il-għajn (li taqbeż 0 %).*

## 4.3. L-indirizzar tar-reġimi nazzjonali li jagħmlu l-ATP aktar faċli

**Xi Stati Membri ħadu miżuri sabiex jaġġustaw ir-reġimi tagħhom tas-sistema ta' inċentivi tat-taxxa favur il-privattivi** f'konformità mal-Azzjoni 5 tal-proġett ta' Erożjoni tal-Bażi tat-Taxxa u t-Trasferiment tal-Profitt[13] kif approvat mill-Kodiċi ta' Kondotta dwar it-Tassazzjoni tal-Intrapriżi.

Xi reġimi nazzjonali għad iridu jiġu riveduti sabiex jipprevjenu l-użu tal-ATP mill-MNEs. L-istudju tal-2015 ta' Ramboll imsemmi qabel jidentifika għadd ta' regoli bħal dawn u l-prevalenza tagħhom fl-Istati Membri. Madankollu, ir-regoli fiskali għandhom jiġu vvalutati fuq bażi ta' każ b'każ qabel ma ssir kwalunkwe konklużjoni dwar ir-rabta tagħhom mal-prattiki tal-ATP.

## 4.4. Ħarsa ġenerali lejn l-indikaturi ekonomiċi riċenti tal-ATP

Din li ġejja hija l-aktar dejta riċenti għal xi indikaturi ekonomiċi ewlenin.

[13] Il-proġett tal-Erożjoni tal-Bażi tat-Taxxa u t-Trasferiment tal-Profitt (BEPS), immexxi mill-G20/OECD, jipprevedi għadd ta' azzjonijiet li jindirizzaw l-istrateġiji ta' ppjanar tat-taxxa li jisfruttaw in-nuqqasijiet u l-ispariġġi fir-regoli fiskali għat-trasferiment b'mod artifiċjali tal-profitti għal postijiet b'taxxa baxxa jew mingħajr taxxa fejn hemm ftit jew xejn attività ekonomika.

**Illustrazzjoni 1: Il-pożizzjonijiet tal-IDB bħala sehem tal-PDG, 2015**




*Sors: Il-Kummissjoni Ewropea (li jmiss), Eurostat*

*Noti: (1) IDB eżoġenu jew investiment dirett fl-ekonomija tar-rapportar (DIRE) jirreferi għal investiment minn barranin f'negozji residenti fl-ekonomija tar-rapportar. IDB endoġenu jew investiment dirett barrani (DIA) jirrappreżenta l-investiment minn entitajiet residenti f'negozji affiljati barra l-pajjiż. (2) Stokks (jew pożizzjonijiet) tal-IDB jindikaw il-valur tal-investiment fi tmiem il-perjodu.*

**Illustrazzjoni 2: It-tariffi mħallsin (debitu) għall-użu ta' Proprjetà Intellettwali (IP) bħala sehem tal-PDG**




*Sors: Il-Kummissjoni Ewropea (li jmiss), Eurostat*

**Illustrazzjoni 3: It-taxxa korporattiva bħala sehem tal-PDG, 2015**




*Sors: Il-Kummissjoni Ewropea (2017)*

### Illustrazzjoni 4: Anomaliji bilaterali tal-prezzijiet, 2015




*Sors: IHS (li jmiss)*

### Illustrazzjoni 5: L-attrattività tal-għażla opportunistika tat-trattati: indiċi taċ-ċentralità




*Sors: Van't Riet u Lejour (2017), IHS (li jmiss)*

*Noti: Indiċi taċ-ċentralità jirreferi għall-perċentwal ponderat skont il-PDG tar-rotot ta' ripatrijazzjoni ottimali tat-taxxa li jinkludu l-pajjiż rispettiv.*

## 5. RIŻORSI UTLI


- Dover R., B. Ferrett B., D. Gravino, E. Jones u S. Merler (2015), "Bringing transparency, coordination and convergence to corporate tax policies in the European Union", studju għas-Servizz ta' Riċerka tal-Parlament Ewropew, 2015.
- Egger, P., W. Eggert u H. Winner (2010), "Saving Taxes through Foreign Plant Ownership", *Journal of International Economics*, 81: 99-108.
- Il-Kummissjoni Ewropea (li jmiss), "Il-politiki tat-tassazzjoni fl-Unjoni Ewropea: Stħarriġ tal-2017".
- Il-Kummissjoni Ewropea (2017), "Ix-Xejriet tat-Tassazzjoni fl-Unjoni Ewropea: 2017", Edizzjoni tal-Lussemburgu.
- IHS (li jmiss), Indikaturi tal-ippjanar aggressiv tat-taxxa.
- OECD (2015), "Il-Kejl u l-Monitoraġġ tal-BEPS, Azzjoni 11 - Rapport Finali tal-2015", Proġett tal-OECD/G20 dwar l-Erożjoni tal-Bażi tat-Taxxa u t-Trasferiment tal-Profitt, l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-OECD, Pariġi.
- Ramboll Management Consulting and Corit Advisory (2015), "Studju dwar l-Istrutturi tal-Ippjanar Aggressiv tat-Taxxa u l-Indikaturi", Dokument dwar it-Tassazzjoni Nru 61.
- Van't Riet u Lejour (2017), "Optimal Tax Routing: Network Analysis of FDI diversion", Dokument ta' Diskussjoni tas-CPB nru 349.
- ZEW, Iċ-Ċentru għar-Riċerka Ekonomika Ewropea (2016), "The Impact of Tax Planning on Forward-Looking Effective Tax Rates", Dokument dwar it-Tassazzjoni Nru 64.
- Pakkett kontra l-evitar tat-taxxa ("Anti-tax avoidance package") http://ec.europa.eu/taxation_customs/taxation/company_tax/anti_tax_avoidance/index_en.htm
- Bażi Komuni Konsolidata għat-Taxxa Korporattiva (BKKTK) ("Common Consolidated Corporate Tax Base - CCCTB") https://ec.europa.eu/taxation_customs/business/company-tax/corporate-tax-reform-package_en_en


Data: 20.11.2017